# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. /IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 159/04 SM**

**Peter sive Pierre Farrugia**

**v.**

**(1) Id-Direttur tal-Protezzjoni Civili**
**(2) ST Microelectronics (Malta) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-10 ta' Ottubru 2012 illi ghall-ahjar intendementi qed tigi riprodotta:

> "Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-3 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha l-attur fuq indikat ippremetta sintetikament is-segwenti:
>
> 1. "Illi fit-13 ta' Marzu, 2002, waqt li kien impjegat bhala "*senior technician*" mas-socjeta` konvenuta fuq indikata, hu kien qed jitharreg bhala "*trainee fire-fighter*" mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fis-"*Civil Protection Smoke House*" f'Hal-Far;

2. “Illi waqt l-imsemmi tahrig l-attur waqa’ gholi ta’ zewg (2) sulari;

3. “Illi rizultat tal-istess waqgha hu sofra danni ngenti u dizabilita` permanenti;

4. “Illi nonostante li l-konvenuti kienu nterpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnu sofferti, dawn baqghu inadempjenti;

“Illi konsegwenza tal-incident hawn sintetikament espost, l-attur talab lil din il-qorti sabiex:

1. “Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident in dizamina;

2. “Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-istess incident, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. “Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

4. “Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficcjali ndikati mill-attur fit-talbiet tieghu;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ST Microelectronics (Malta) Limited datata s-16 ta’ Marzu, 2004, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

1.“Illi m’ghandha l-ebda responsabbilita` ghall-incident de quo;

2.“Illi l-incident de quo ma garax minhabba tort, jew negligenza, jew nuqqas ta’ osservanza tal-prekawzjonijiet da parti tas-socjeta` konvenuta;

3.“Illi allura t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur fuq indikat datata t-30 t’April, 2004, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. “Illi preliminarjament ic-citazzjoni promotrici m’ghandha l-ebda effett kontra l-konvenut hawn specifikat stante li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont il-ligi;

2. “Illi l-fatti allegati mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. “Illi d-danni allegati ma kienux dovuti minhabba tort, negligenza jew inosservanza tal-prekawzjonijiet da parti tal-eccipjenti

izda kienu konsegwenza ta' ncident, u ghalhekk, id-Direttur de quo mhux responsabbli;

"Rat il-verbal datat it-3 ta' Mejju, 2004, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-attur talbet li jigi lilha koncess zmien biex ic-citazzjoni tigi notifikata wkoll lill-Avukat Generali skont il-ligi;

"Rat li l-qorti diversament preseduta ddifferiet il-kawza wkoll ghall-ghan indikat fil-paragrafu precedenti;

"Rat in-notifika pozittiva tal-Avukat Generali bic-citazzjoni de quo, datata s-6 ta' Mejju, 2004;

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 ta' Novembru, 2004, li permezz tieghu nnominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bhala espert mediku biex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-istat fiziku tieghu wara l-incident de quo;

"Rat ir-relazzjoni medika tal-imsemmi kirurgu datata t-28 ta' Frar, 2005;

"Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata t-2 ta' Marzu, 2005, li permezz taghha, peress li hassitha aggravata mir-relazzjoni medika tal-espert mediku fuq indikat, talbet li jigu nominati periti perizjuri;

"Rat l-ordni tal-istess qorti diversament preseduta, wara talba ghall-istess datat it-23 ta' Mejju, 2007, li jinzamm access fuq il-post tal-incident fid-data hemm indikata, (ara fol 156);

"Rat il-verbal tal-access datat il-15 ta' Gunju, 2007, (ara fol 157A);

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 t'April, 2009, li permezz tieghu f'dan l-istadju hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi li kien ghad fadal;

"Rat l-atti esebiti mill-abbli assistent gudizzjarju fuq riferita, nkluz ix-xhieda minnha mismugha;

"Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-16 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu kkoncediet lill-partijiet li s-sottomissjonijiet taghhom isiru permezz ta' noti skritti;

"Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat it-12 ta' Jannar, 2011, li permezz taghha, in vista tar-rikors tas-socjeta` konvenuta datat it-3 ta' Jannar, 2011, iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghas-17 ta' Marzu, 2011;

"Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat is-17 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu regghet iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni ghall-udjenza hemm indikata;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata d-19 ta' Dicembru, 2011;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur konvenut fuq indikat datata t-13 ta' Jannar, 2012;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata t-12 t'April, 2012;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-attur datata l-24 ta' Mejju, 2012;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datat it-13 t'Awwissu, 2012;

"Rat in-nota responsiva tad-Direttur intimate datata t-3 ta' Settembru, 2012;

"Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-24 ta' Settembru, 2012;

"Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta, mill-assistent gudizzjarju nkarigata u kif ukollipprezentata fid-diversi affidavitijiet prodotti in atti;

"Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. "Illi bhala intrapriza all'avangwardja, s-socjeta` konvenuta kienet talbet lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili biex tharreg lill-impjegati tas-socjeta` de quo fil-facilitajiet tad-Dipartiment rigward it-tifi tan-nar, (ara fol 245);

2. "Illi dan it-tahrig jirrizulta li kien jinghata spiss lir-"*response team*" tas-socjeta` konvenuta;

3. "Illi dan it-tahrig, inkluz dak partikolari in dizamina, kien jinghata fil-"*Fire Grounds*" tal-istess Dipartiment tal-Protezzjoni Civili f'Hal-Far;

4. "Illi dan it-tahrig partikolari, peress li l-persuni nvoluti kienu gia` ghamlu tahrig iehor f'dan il-qasam, kien indirizzat biex: " … biex dawn jipprattikaw dak li kienu tghallmu diga", (ara fol 245), u kienu biss qed izommu ruhhom aggornati;

5. “Illi l-impjegati tas-socjeta` konvenuta li kienu qed jigu mharrga fil-hin tal-incident kollha kellhom il-“*fire kit*” taghhom ghaliex dan kien parti minn xogholhom fi hdan is-socjeta` konvenuta li kienet timpjeghom;

6. “Illi fit-tahrig in dizamina rrizulta li xi whud mill-impjegati tas-socjeta` konvenuta li ntbaghtu ghat-tahrig kienu fl-ewwel esperjenza taghhom f’dan it-tip ta’ xoghol u ghalhekk dawn l-impjegati nqassmu u gew separati mill-ohrajn li kellhom aktar esperjenza, (ara fol 245) li ntbaghtu jaghmlu l-ezercizzju tal-“*ismoke house*”, fejn fosthom kien hemm l-attur Farrugia;

7. “Illi l-“*ismoke house*” hi konsistenti f’bini ta’ zewg (2) sulari appozitament dezenjata ghal dan it-tip ta’ tahrig partikolari, u peress li t-twieqi jkunu maghluqin, fiha jkun hemm “dlam cappa”, (ara fol 245) u meta jitqabbad in-nar ovvjament timtela’ mid-duhhan, (ara fol 245);

8. “Illi din l-istruttura hi disenjata li jkollha diversi perikoli, inkluz targiet mhux indaqs, biex tissimula l-perikoli reali li jistghu jigu riskontrati;

9. “Illi l-persuni, (erbgha (4) b’kollox), li ghamlu dan l-ezercizzju kienu nies li kienu ghamluh qabel kemm –il darba u kienu mghonija bl-ilbies necessarju, inkluz l-apparat bzonnjuz li jippermettilhom jiehdu n-nifs f’tali cirkostanzi u li allura jfisser ukoll li kienu gia` gew imharrga f’livell avvanzat;

10. “Illi jirrizulta li meta wiehed jilbes tali apparat, u dan skont ir-rapprezentant tad-Dipartiment immexxi mid-Direttur konvenut, dan irid isegwi certu protokoll fl-azzjonijiet tieghu, fosthom:

i. “Jimxi bil-mod hafna;

ii. “Juza jdejh u saqajh tax-xellug biex meta jimxi jhoss x’hemm quddiemu;

iii. “Ma jista’ qatt jaghmel pass wara l-iehor daqs li kieku miexi;

11. “Illi l-procedura fuq deskritta tidher li hi wahda adottata b’mod generali anke nternazzjonalment;

12. “Illi l-ezercizzju in dizamina li kellhom jezegwixxu l-erba’ mpjegati tas-socjeta` konvenuta kien wiehed qasir u kellu jkun wiehed ta’ ghaxar (10) minuti biss, fejn ghalih l-arja li kellhom fic-cilindru kienet tasal sa ghoxrin (20) minuta;

13. “Illi qabel ma nbeda l-ezercizzju de quo jirrizulta li l-persuna nkarigata mill-istharrig de quo f’isem l-imsemmi Dipartiment kienet spjegat x’kien ser isir fl-istess ezercizzju billi nghataw struzzjonijiet kif kellhom :

i. “Jidhlu mill-bieb tat-tieni(2) sular;

ii. “Jimxu skont ir-regoli kif fuq hawn indikat;

iii. “Li kellhom eventwalment isibu tarag biex minnu jinzlu isfel fejn kellhom isibu n-nar u jitfuh;

iv. “Illi tul dan l-ezercizzju kollu, dawn kellhom igorru “*hose*” li minnu jkollu ghaddej l-ilma bil-pressa – allura tqil u jrid jingibed ‘il quddiem;

v. “Illi konsegwenza tal-imsemmi “*hose*”, il-persuni nvoluti kellhom jimxu flimkien wara xulxin – b’kull wiehed jerfa’ u jigbed l-istess “*hose*” sakemm jintefa’ n-nar;

14. “Illi l-iskop tal-imsemmi tahrig kien li jipprattikaw il-metodologija fuq deskritta biex izommu ruhhom aggornati;

15. “Illi fih innifsu, dan l-ezercizzju hu meqjus bhala wiehed semplici;

16. “Illi l-bokka minn fejn eventwalment waqa’ l-attur ma kinitx fl-“*area*” li kienet parti mill-ezercizzju;

17. “Illi peress li l-ezercizzju kien wiehed lineari, allura min ikun quddiem kien imexxi lill-kollegi tieghu fl-ezercizzju de quo u allura, kellu jkun hu li jeffettwa t-tiftix b’idejh u b’saqajh ix-xellugija kif fuq deskritt;

18. “Illi dan indikat fil-paragrafu precedenti kellu jitmexxa mill-attur Farrugia;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-attur Farrugia kien impjegat bhala “*senior technician*” mas-socjeta` konvenuta;

“Illi l-incident li fih kien involut sehh fit-13 ta’ Marzu, 2002, meta kien qed jitharreg fit-teknika tat-tifi tan-nar b’inkarigu tas-socjeta` konvenuta fuq indikata;

“Illi l-incident in dizamina sehh meta fil-kors tal-istess ezercizzju, l-attur waqa’ gholi ta’ zewg (2) sulari;

“Illi hekk kif l-attur dahal ma’ shabu biex jeffettwaw l-ezercizzju in dizamina dan mill-ewwel innota li l-vizibilita` kienet wahda prekarja – anqas minn ghoxrin (20) centimetru;

“Illi meta kien jezegwixxi l-istess ezercizzju, ra d-dawl tat-“*torch*” ta’ wiehed mill-istrutturi li kellhom, (ara fol 48);

"Illi l-attur isostni li beda jimxi bil-lemin 'il quddiem – apparentement l-oppost ta' l-istruzzjonijiet li kien inghata – u wara li sab biex dahal minnu biex ikompli bl-ezercizzju;

"Illi sussegwentement, wara li sab bieb iehor kompla miexi, dar biex jitlob lill-kollega tieghu itih aktar "*hose*" u hekk kif rega' dar biex jipprocedi hekk kif ghamel l-ewwel pass, waqa' minn "*shaft*" gholi ta' zewg (2) sulari u spicca fuq ix-xellug tieghu;

"Illi rizultat tal-waqgha, l-attur induna li kien wegga' serjament idejh il-leminija u ttiehed l-isptar fejn l-ghada gie operat;

"Illi effettivament kien gie wkoll operat fil-11 t'April, 2002 u minn dak inhar 'il quddiem baqa' jattendi ghal fizjoterapija;

"Illi meta l-attur gew lilu murija r-ritratti tax-"*shaft*" li minnu waqa' jirrileva li dan ma kienx protett bil-katina li tidher fir-ritratt lilu muri – haga li jirrizulta fl-atti li twahhlet mid-Dipartiment ikkoncernat wara l-incident in dizamina u jirrizulta wkoll li lanqas kien hemm barrikati tal-injam, (ara fol 48);

"Illi jigi sottolineat kemm mill-attur kif ukoll mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta li t-trab osservat fil-"*robolts*" jindika li effettivament il-katina de quo twahhlet wara l-incident, u qabel – ghall-beneficcju tal-access kondott;

"Illi fid-data tal-incident l-attur kellu:

i. "Eta`: ta' disgha u ghoxrin (29) sena;

ii. "Paga: ta' disat elef Lira Maltin, (LM9,000.00), fis-sena;

"Illi rizultat tal-incident de quo, il-kirurgu privat imqabbad mill-attur stima d-dizabilita` permanenti riskontrata b'rizultat tal-incident de quo fil-livell ta' tnax (12) fil-mija, (ara fol 10);

"Ikkunsidrat:

"Illi rizultat tal-ezami mediku kondott mill-espert kirurgu nominat minn din il-qorti diversament preseduta li din il-qorti kif issa preseduta m'ghandha l-ebda raguni li tikkontradixxi u li ghalhekk, qed taghmel taghha, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. "Illi l-espert relatant jikkonferma l-origini tal-incident kif fuq sintetikament espost;

2. "Illi rizultat tal-istess l-attur kellu ksur fl-ispalla l-leminija li wkoll involviet il-"*humerus*" il-lemini tieghu;

3. “Illi permezz t’operazzjoni dan il-ksur kien iffissat b’erba’ (4) “*K-wires*” u ntbaghat id-dar;

4. “Illi fl-1 t’April, 2002, rega’ gie ammess ghaliex kellhom jitnehhew tnejn (2) mill-“*K-wires*” ghaliex kienu tharrku;

5. “Illi fit-2 ta’ Frar, 2003, l-istess spalla kellha tigi mharrka taht il-loppju minhabba nuqqas ta’ moviment;

6. “Illi l-attur rega’ irritorna ghax-xoghol sena (1) wara l-incident;

7. “Illi minn test appozitu kondott mill-istess espert kirurgu, rrizulta li kien hemm xi problemi ultrjuri fl-“*auxiliary nerve*” tal-attur li pero` beda jirkupra xi hames (5) xhur wara, (ara fol 39);

8. “Illi l-attur ilmenta minn:

i. “Nuqqas ta’ movement ta’ spalltu l-leminija;

ii. “Ma jistax jerfa’ dirghajh il-lemini;

iii. “Ma jistax jaghmel idejh wara rasu;

iv. ‘Ma jistax jerfa’ affarijiet tqal ‘il boghod minnu;

v. “Jekk jistrapazza ruhu jwegga’ spalltu;

vi. “Ma jistax jorqod wiccu l’isfel minhabba dirghajh il-lemini;

9. “Illi s-suespost gie debitament riskontrat anke minn ezamijiet medici kondotti mill-istess espert kirurgu nominat;

10. “Illi l-istess espert wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

i. “Illi l-incident in dizamina effettwa l-“*auxiliary nerve*” tal-attur li hu wiehed importanti biex titharrek l-ispalla effettwata;

ii. “Illi l-hsara f’dan in-nar kien il-kagun li l-muskolu tal-ispalla effettwata kien kemmxejn mahlul;

iii. “Illi l-attur kien ghadu ma ggwadanjax l-uzu komplet ta’ spalltu l-leminija;

iv. “Illi dan jaffettwa l-uzu tad-driegh tal-lemin f’affarijiet ta’ kuljum;

11. “Illi tenut kont tas-suespost, l-imsemmi espert kirurgu de quo stima l-livell ta’ dizabilita` soffert mill-attur kagun tal-incident de quo, fl-ammont ta’ tmienja (8) fil-mija;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-konvenut Direttur jipprova jezimi ruhu mir-responsabbilita` tieghu rigward l-incident in dizamina, u dan, kemm proceduralment kif ukoll mill-istess analizi tal-fatti kif fuq esposti:

"Illi proceduralment jallega preliminarjament li c-citazzjoni promotrici hi minghajr effett peress li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont il-ligi;

"Illi f'dan ir-rigward l-artikolu 181B tal-Kap 16 jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:

1. "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern in kwistjoni;

2. "L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-kaz;

3. "Kull rikors … maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tieghu jkun dirett u lill-Avukat Generali;

"Illi fil-procedura odjerna jirrizulta assodat is-segwenti:

1. "Illi skont il-fatti specji tal-kawza jirrizulta assodat li l-kawza giet indirizzata tajjeb fil-konfront tad-direttur koncernat;

2. "Illi l-kwezit mitlub mill-artikolu 181B (2) tal-Kap 16 ma japplikax u ghalhekk ma tqumx il-htiega li l-kawza tkun ukoll indirizzata kontra l-Avukat Generali;

3. "Illi kif jirrizulta minn notifika pozittiva tal-Avukat Generali datata s-6 ta' Mejju, 2004, (ara fol 31), dan jirrizulta li ssodisfa l-precett rekwizit mill-artikolu 181B (3) tal-Kap 16;

"Illi konsegwentement ghar-ragunijiet fuq hawn esposti, din il-qorti qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur;

"Ikkunsidrat:

"Illi d-Direttur konvenut jikkontendi t-talbiet attrici anke ghal dak li jirrigwarda l-fatti u sintetikament isostni s-segwenti:

1. "Illi l-attur ma kienx xi wiehed novell ghall-ezercizzju li ta bidu ghall-procedura in dizamina u jirrizulta li kien ilu jigi mharreg f'dan il-qasam;

2. “Illi l-bokka li minnha waqa’ l-attur ma kinitx fil-perkors li l-attur kellu jiehu, li effettivament kienet f’kamra li fl-ezercizzju kif ippjanifikat, l-attur ma kellux jidhol fiha u li effettivament l-istess Direttur konvenut isostni li l-istess kamra kienet imblokkata biex ma jkunx hemm access ghaliha, (ara fol 316);

3. “Illi ghalhekk id-Direttur konvenut jinsisti li ma jezisti l-ebda ness ta’ kawzalita` bejnu u l-incident de quo;

4. “Illi fil-fatt isostni li hu l-attur stess li kien l-awtur tal-fatt dannuz in dizamina meta dahal f’kamra li mhux suppost li dahal fiha, molto piu` meta anke allura nehha l-ilqugh li kien hemm quddiem il-kamra fejn sehh l-incident de quo;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-allegazzjoni tad-Direttur konvenut rigwardanti l-ezistenza ta’ dan l-ilqugh vantat mill-konvenut hu ghal kollox pero`, kontradett, mill-attur u mill-assjem tar-rizultanzi riskontrati;

“Illi li jirrizulta in atti hu li dan l-ilqugh kien effettivament katina mqabbda mal-gnub tal-entratura li minn ezami mhux wisq dettaljat mir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta wara l-incident jirrizulta li giet imwahhla “*in fretta e furia*” wara dan l-istess incident tant li t-trab ikkagunat mill-uzu tar-rebekkin elettriku wzat ghall-istess kien ghadu fuq il-post;

“Illi fih innifsu tali rizultanza ghandha thammar wicc min hu kkoncernat u jikkonsolida r-responsabbilita` totali ghall-akkadut da parti ta’ min jiggestixxi l-imsemmi fond fejn sar l-ezercizzju in dizamina – l-istess Direttur konvenut;

“Illi in effetti mix-xhieda ta’ l-inginier tas-socjeta` konvenuta, konfortata wkoll minn xhieda ohra prezenti fl-access de quo, li rapprezentanti taz-zewg konvenuti kkoncedew wara l-incident, dan bil-gurament tieghu jghid:

> “Hemmhekk innotajna li l-boltijiet kienu ghadhom godda. Tant kien ghadhom godda li nnotajna li meta thaffret it-toqba biex jitwahhal bid-*driller* il-*bolt* ta’ fuq waqa’ trab fuq il-*bolt* li kien twahhal ‘l isfel minnu. Din kienet indikazzjoni cara li l-*bolt* li maghhom jitwahhlu l-“*protection chains*” kienu ghadhom kif twahhlu”, (ara fol 122);

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu jkun pacifiku li l-evidenza riprodotta fil-paragrafu precedenti hi xhieda ferm dannuza ghat-tezi tal-konvenut Direttur li jipprova jezimi ruhu mir-responsabbilita` ghall-akkadut;

"Illi di piu`, jirrizulta wkoll minn xhieda ohra prodotta in atti li fil-"*briefing*" ta' qabel l-ezercizzju in dizamina l-istruttur inkarigat qatt ma accenna ghall-kamra fejn kien hemm din il-bokka li fiha sehh l-incident de quo;

"Illi ghalhekk ir-responsabbilita` totali ghall-incident in dizamina tirrizulta li hi ghal kollox fuq l-istess Direttur konvenut li jiggestixxi l-istess fond fejn sehh l-istess incident;

"Ikkunsidrat:

"Illi kif ritenut ben tajjeb mill-attur meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jikkwota lir-Ricci fir-rigwardanti tal-htija f'kazijiet bhal dak in dizamina li jsostni:

> " … non deriva soltanto dai fatti, ma anche` dai non fatti: onde io … sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far cio` che avrei dovuto fare";

"Illi ghalhekk it-tezi sostenuta mill-attur timmerita l-avall ta' din il-qorti stante jirrizulta li l-konvenut Direttur ghall-anqas ippekka f'zewg mumenti mportanti tas-saga kollha in dizamina:

1. "Illi fil-"*briefing*" ta' qabel l-ezercizzju min kien inkarigat ma ghamel l-ebda referenza ghall-periklu gravi li kien hemm fil-bokk tat-tieni sular tal-post in dizamina;

2. "Illi l-access ghall-kamra fejn kien hemm din il-bokka hekk perikolanti ma kienx salvagwardat kif dovut – u kien biss wara dan l-incident li dan gie rimedjat;

"Ikkunsidrat:

"Illi d-Direttur konvenut, bhala l-persuna finalment responsabbli ghall-inkolumita` tan-nies fdati fil-kura tieghu, hu responsabbli ghall-akkadut;

"Ghaldaqstant, din il-qorti in vista tas-suespost, qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenut Direttur ikkoncernat u takkolji t-talbiet attrici fit-totalita` taghhom;

"Illi di piu`, stante li s-socjeta` konvenuta ST Microelectronics (Malta) Limited hi estranea ghall-akkadut, tilqa' l-eccezzjonijiet minnha sollevati u tilleberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward id-danni rikjamati mill-attur Farrugia jirrizulta s-segwenti:

1. “Illi fil-mument tal-incident hu kien ghad kellu disgha u ghoxrin (29) sena;

2. “Illi l-konsulent kirurgu espert tekniku nominat minn din il-qorti diversament preseduta kkwantifika d-dizabilita` riskontrata fl-attur kagun tal-incident fuq ezaminat fl-ammont ta’ tmienja fil-mija, (8%);

3. “Illi s-salarju percepit mill-attur fil-perjodu kien ta’ circa disat elef Lira Maltin, (LM9,000.00);

4. “Illi l-ammont de quo kien jizdied bi tlett elef Lira Maltin ohra fi-sena meta jittiehdu in konsiderazzjoni s-sahra u l-“*allowances*” percepiti normalment;

“Ikkunsidrat:

“Illi kif irriteniet din il-qorti diversament preseduta fil-kaz **David Farrugia vs George Sammut** datata d-9 ta’ Dicembru, 2004:

> “ … il-bixra ta’ hsieb wara sentenzi ta’ dawn l-ahhar snin f’dan il-qasam qieghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta’ skemi rigidi li jistghu jfixklu l-oghti ta’ kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija sewwa sew fil-massimu tal-“*multiplier*”, fejn ghal numru kbir ta’ snin ma tqiesx li seta’ jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirrintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga’ tqieghed lil tali persuna kemm jista’ jkun fl-istat li kienet qabel l-incident, illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-“*multiplier*” ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma kriterji arbitrarji”;

“Illi minkejja dan, l-izvilupp kurjali hawn riskontrat jidher li ghall-futur ser ikun kollu inutili jekk l-emendi legislattivi de quo jigu fis-sehh kif ippostulat;

“Illi nonostante dan, fid-dawl tas-sintesi fattwali kif fuq sintetikament inkwadrata din il-qorti tiddikjara li taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet komplessivi tal-attur kif abbilment esposti mill-abbli rapprezentant legali tieghu, u konsegwentement qed taghmel taghha dawn l-istess konkluzjonijiet;

“Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-Qorti:

1. “Tikkundanna unikament lill-konenut Direttur tal-Protezzjoni Civili bhala responsabbli ghall-incident meritu ta’ dan il-kaz u tirribadixxi li qed tillibera lis-socjeta` konvenuta ST Microelectronics (Malta) Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

2. “Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Peter sive Pierre Farrugia minhabba dan l-istess incident fl-ammont komplessiv ta’ tlieta u sebghin elf, mitejn u erbghin Ewro, (€73,240.00);

> 3. “Tikkundanna lill-imsemmi konvenut Direttur biex ihallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lill-attur Peter sive Pierre Farrugia;
>
> 4. “Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-10 ta’ Gunju, 2003, data ta’ l-ewwel ittra ufficcjali ndirizzata lill-konvenut Direttur, sal-effettiv pagament”.

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Direttur tal-Protezzjoni Civili li talab li din il-Qorti thassarha u tichad it-talbiet attrici; l-attur appellat talab il-konferma tas-sentenza kif ghamlet is-socjetà konvenuta li gibdet l-attenzjoni li ma sarx appell mill-parti tas-sentenza fejn hija giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju u allura dik il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat. Dan huwa fattwalment korrett u ghalhekk is-socjetà konvenuta tibqa’ liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti ghalhekk l-ewwel ser tikkonsidra l-aggravji lamentati mill-appellant.

**L-ewwel aggravju** jirrigwardja appuntu r-responsabbilità ghall-incident. L-appellant isostni li huwa ma kellu ebda responsabbilità ghall-incident u li dan gara b’tort tal-appellat stess

Ghandu jnghad li dan kien kaz ftit partikolari ghaliex l-appellat ma kienx impjegat tal-appellanti izda intbghat jaghmel kors ta’ tahrig mieghu mis-socjetà li kien appuntu impjegat maghha. Madankollu certu principji li gew gudizzjarjament applikati f’cirkostanzi fejn l-attur ikun impjegat mal-

konvenut japplikaw ukoll ghaliex f'dak il-hin l-appellat kien qed jopera fl-ambjenti mmexxija mill-istess Direttur appellant.

Fir-risposta tieghu l-appellat jghid li din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti kif sar mill-ewwel Qorti. Huwa minnu li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

"*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*". (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011). Madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz*

*tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Barra minn hekk il-Qorti jkollha tghid ukoll li "*Jinsorgu sitwazzjonijiet fejn, bhal f'dan il-kaz, Qorti tat-tieni istanza ma tkunx qed taghmel gustizzja jekk tillimita ruhha 'sic et sempliciter' ghal principju illi Qorti ta' revizjoni di regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi, u kwindi tal-konkluzjoni bazata fuq dan l-istess apprezzament, li tkun ghamlet l-ewwel Qorti*". (**Middlesea Insurance v. Galea**, 20 ta' Jannar 2003, Appell Inferjuri).

Kif inghad certi principji li huma ta' siwi f'kawzi bhal din huma l-istess bhal meta l-attur ikun impjegat tal-konvenut u kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 "*min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema*" (ara **Bugeja v. Falzon** deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fis-27 ta' Gunju 2002).

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd - 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM**) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioè:

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers*

ii. *the employer must ensure that the emplyee knows the precautions to be taken against these dangers*

iii. *the employer must ensure that the precautions are available*

iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009). Naturalment ma japplikawx imbaghad regolamenti li jimponu certu obbligi kontrattwali lill-*employer* f'dan ir-rigward.

Is-socjetà appellanti targumenta li dak li kkontribwixxa ghall-fatalità ma kienx in-nuqqas riskontrat mill-ewwel Qorti fil-konfront taghha kif issemma fis-sentenza appellata izda n-nuqqas tal-appellat stess u kien bin-negligenza tieghu li waqa' kif issemma u sofra d-danni in kwistjoni.

L-appellant argumenta li huwa kien avza lill-appellat u lill-partecipanti kollha fl-ezercizzju in kwistjoni li kien hemm il-bokok miftuhin u li l-appellat zbalja meta 'ex admissis' dar fuq in-naha l-hazina u allura sfortuntament sab il-bokka u waqa' fiha. Da parti tieghu l-appellat jirrispondi li l-bokok ma kellhomx ikunu miftuhin u f'kull kaz kien messhom kellhom l-ilqugh kif fil-fatt sar ftit wara l-akkadut. Din il-Qorti jidrilha li fil-waqt li kien hemm element ta' negligenza (jew ahjar nuqqas ta' attenzjoni) da parti tal-appellat li wassal ghall-incident l-appellant ma jistax jesonera ruhu ghal kollox mill-istess ghaliex ghalkemm jirrizulta li l-appellat kien avzat bil-bokok, kien hemm nuqqas da parti tal-istess appellant li dawn il-bokok thallew minghajr ilqugh biex jilqa' ghal xi sinsitru kif effettivement irrizulta.

Kif qalet din il-Qorti f'kaz ricenti fejn sfortunatament l-effetti tal-incident kienu fatali "*In-nuqqas ta' lqugh fil-post tal-incident kien minghajr ubbju wahda minn dawn il-kawzi u anke l- kontributorjeta' allegata mill-appellanti da parti tad-decedut ma tnaqqasx l-entita' ta' dan in-nuqqas*". (**Fenech v. Jackson Limited et**, 28 ta' April 2017). Lanqas ukoll ma

japplika l-kaz, **D'amato v. Spiteri** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003) fejn il-fattispecje ta' dan il-kaz kienu differenti – hemmhekk si trattava ta' zewg adolexxenti li laghbu b'loghob ta' nar li korrihom. Il-Qorti kienet sabet li kienu huma stess li kkawzaw l-incident u cahdet it-talbiet attrici. F'dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehema li kien hemm kontributorjetà da parti tal-appellat - Fuq is-suggett hu pacifikament akkolt illi "*meta jkun hemm htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjoni li fiha d-danneggjat ikun ikkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab; kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz*". **(Vol. XLVIII P I p 59). (Hayes v. Farrugia**, Prim'Awla, 28 ta' Mejju 2003). Jinsab affermat ukoll illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw iddannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*" (**Joseph Galdes v. Victor Micallef**, Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (**David Scerri v. Anthony Scerri et**, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).

"*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-*

*cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabbilità. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment*". (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (**Fenech v. Montebello**, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003). Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Sammut v. Clamus Holding Limited** (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom:

> "*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet*".

Din il-Qorti jidrilha li kollox ma' kollox ghandha tassenja responsabbilità ta' kwart lill-attur ghall-incident in kwistjoni u ta' tlett kwarti lill-konvenut appellant.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-atturi. Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna:

> "*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tesisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali*". (**Turner v. Agius**, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003)

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-hajja tal-

persuna mwegga'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat 'multiplier' ta' 35 sena. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law")** (**ediz. 2009, pagna 438**):

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*".

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja** (27 ta' Novembru 2009) u **Caruana v. Camilleri** (27 ta' Frar 2004) u **Attard v. D'Amato** (22 ta' Ottubru 2002). Fl-ewwel sentenza msemmija intqal infatti illi "*id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad'danneggjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall fini tal-multiplier*".

L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti bbazat il-hdim tas-somma pagabbli lill-appellati fuq Lm9,000 meta l-paga li kellu l-appellat kienet ta' circa 13,742 euros meta sehh l-incident. L-appellanti tghid ukoll li l-multiplier kien eccessiv ukoll u tghid li ma kellux ikun 29 sena izda 27. L-appellat kellu 29 meta sehh l-incident u meta wiehed iqis li fis-sentenza **Micallef**

**v. Brian Tyre Services (supra)** meta d-danneggjat kellu 23 sena giet applikat multiplier ta' 35 sena, din il-Qorti jidrilha li fil-kaz in ezami, il-metru adottat mill-ewwel Qorti kien più o meno korrett u gust. Bl-applikazzjoni ta' dan il-multiplier xorta wahda wiehed mhux se jkun ha l-working life expectancy kollha ghaliex ikun wasal sa meta l-appellat ikollu 58 sena. Dwar is-salarju però l-Qorti taghti ragun lill-appellant ghaliex jirrizulta li s-salarju tal-appellat kien kif issemma u ghalhekk tenut kont ta' zidiet li jista' jkollha se tibbaza l-likwidazzjoni tad-danni fuq is-somma ta' 18,000 euros. Dwar id-dizabbilità ghalkemm l-appellant ukoll jilmenta din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet sew li strahet fuq ir-rata indikata mill-espert imqabbad minnha u allura 8 fil-mija. Ghalhekk 18,000 x 8% x 29 iwassal ghas-somma ta' 41,760 euros. Minhabba d-dewmien fil-proceduri mhijiex se tordna tnaqqis ghall-hlas f'daqqa (Lump sum deduction).

Peress illi l-Qorti qed tassenja kwart ta' responsabbilità lill-appellat, ser tordna hlas ta' tlett kwarti ta' din is-somma u cioè 31, 320 euros.

L-imghax fuq is-somma likwidata u pagabbli lill-atturi appellati ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata kif deciz minnha; dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti - ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta'

Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003)

> "*Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilità*".

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament u tiddikjara li l-konvenut appellant Direttur tal-Protezzjoni Civli resopnsabbli kwantu ghal tlett kwarti ghall-incident in kwistjoni u tordnalu jhallas is-somma fuq imsemmija ta' 31,320 euros lill-attur appellat bl-imghaxijiet jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata; is-socjetà konvenuta tibqa' liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kollha komprizi tal-appell ikunu kwart ghall-attur appellat u tlett kwarti ghall-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb